**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 17 ta' Frar 2020**

**SENTENZA PARZJALI**

**Talba numru 127/2019SFJ**

***Carmel Mary sive Charles Cutajar (523363M) u Jacqueline Cutajar (173086M)***

***vs.***

1. ***Jesmond Cutajar (59463M);***
2. ***Rose Sacco (813158M);***
3. ***Carlos Dione D'Agostino (565782M); u***
4. ***Farcat Morgone Elisabeth (107509A)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu l-atturi talbu li l-konvenuti jkunu kkundannati jħallsuhom is-somma ta' tmien mija u ħamsa u ħamsin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€855.62) għas-segwenti raġuni:

> *"Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-arja tal-blokk Galeone, 14, Triq San Pietru, Kirkop.*
>
> *Illi l-konvenuti huma possessorji/proprjetarji tal-appartamenti numri 2, 3, 4, 5 ġewwa l-blokk Galeone, 14, Triq San Pietru, Ħal Kirkop.*

> *Illi r-rikorrenti rċevew u sussegwentement ħallsu l-kont tas-soċjetà Arms Limited għas-servizzi mogħtija fil-komun tal-imsemmi blokk datat 6 ta' April 2018 fl-ammont totali ta' €1,069.52 li minnhom il-konvenuti obbligati jħallsu €855.62.*
>
> *Illi l-konvenuti rrifjutaw li jħallsu dan l-ammont minkejja diversi interpellazzjonijiet mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż.*"

Ra li l-konvenuta Rose Sacco ġiet debitament innotifikata nhar **id-19 ta' Ġunju 2019** (ara r-riferta a fol. 7 tal-proċess).

Ra li fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2019, oltre li dehret il-konvenuta Rose Sacco, li kienet innotifikata, deher il-konvenut Jesmond Cutajar, li għalih ma saritx riferta peress li skont il-Purtier Carmela Magro, il-*pink card* kienet għadha ma waslitx lura mingħand is-servizzi postali.

Ra r-Risposta tal-konvenuti Jesmond Cutajar u Rose Sacco ippreżentata fid-29 ta' Lulju 2019 li taqra hekk:

> "*Permezz tal-preżenti, il-konvenuti Jesmond Cutajar (K.I. 59463M) kif ukoll Rose Sacco (K.I. 813158M) qegħdin jikkontestaw it-talba magħmula kontrihom mill-attur u ċioe Cutajar Carmel Mary sive Charles et.*
>
> *Il-konvenuti jsostnu li t-talba fil-konfront tagħhom hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Novembru 2007, l-istess konvenuti eżentaw lilhom infushom mill-użu tal-lift inkluż l-ispejjeż relatati mal-istess lift, Dok. A, Dok. B.*
>
> *Għaldaqstant, il-konvenuti ma jistgħux ikunu obbligati jħallsu l-kont tad-dawl pendenti stante li l-attur ma kkomunikax magħhom x'jinkorpora l-istess kont pendenti. Aktar minn hekk, jekk kemm-il darba l-istess kont tad-dawl pendenti jinkorpora l-użu tal-lift, l-istess konvenuti huma eżentati mill-istess ħlas tal-kont.*"

Ra li l-konvenut Carlos Dione d'Agostino ġie innotifikat fit-8 ta' Awwissu 2019 (ara r-riferta a fol. 16).

Ra li fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2019 dehret l-Avv. Jessica Galea għall-konvenuti Rose Sacco, Jesmond Cutajar u Carlos D'Agostino. It-Tribunal kien osserva li Carlos D'Agostino kien għadu ma ppreżentax ir-Risposta tiegħu u kien skadielu t-terminu għall-preżentata tal-istess. Ġie osservat ukoll li kien fadal li ssir in-notifika tar-raba' konvenuta, Farcat Elisabeth Morgone.

Ra li l-konvenuta Farcat Elisabeth Morgone ġiet innotifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni (ara fol. 20 sa 26 tal-proċess).

Ra li fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2020 ġie ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuta Farcat Elisabeth Morgone.

Ra li l-konvenuta ma dehret għal ebda waħda mis-seduti miżmuma u ma ppreżentat ebda dokument jew sottomissjoni kwalsiasi.

Ra li fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2020, il-konvenuta baqgħet ma dehritx biex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni biex tikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tal-atturi fil-konfront tal-konvenuta Farcat Elisabeth Morgone ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-istess konvenuta u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta Farcat Elisabeth Morgone tħallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u ħamsa u ħamsin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€855.62).

Billi ma ġewx mitluba mgħaxijiet, it-Tribunal huwa prekluż milli jordna l-ħlas tal-imgħaxijiet.

Spejjeż riżervati għas-sentenza finali.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**